**Ruling mogħti mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 417 tal-25 ta' Jannar 2021 dwar rapurtaġġ fil-*media***

Fis-seduta ta' nhar l-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2021, eżattament wara l-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Maria Deguara talbet lis-Sedja:

> "**ONOR. MARIA DEGUARA:** Sur President, nixtieqek tinvestiga dak li ntqal fuq is-Super One lbieraħ fejn qalu li Maria Deguara qalet li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard tal-COVID-19. Jien hawnhekk se nippreżentalek dak eżatt li jien għedt, fejn imkien ma jien indikajt li dawn qegħdin ixerrdu l-marda, anzi kont qed nagħti parir kif nistgħu nevitaw l-firxa tal-COVID-19 ġo pajjiżna. Nirringrazzjak."

Hawnhekk is-Sedja qalet:

> "**SPEAKER:** Onor. Deguara, se naraha bil-kwiet u mbagħad nagħti l-pożizzjoni tiegħi bħala Sedja."

l-Sedja tat il-kelma lill-Onor. Glenn Bedingfield li talab li jintervjeni, li qal hekk:

> "**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Irrid ninforma lill-Onor. Deguara li l-istazzjon Super One ma jeżistix. Dik hija l-ewwel osservazzjoni li rrid nagħmel. Ma jeżistix! Is-Super One ma jeżistix, jiġifieri jekk inti se tinvestiga u se tfittex Super One, mhux se jeżisti. Ilu jismu One TV u One Radio xi għaxar snin jekk mhux aktar! Jiġifieri għandkom taġġornaw ruħkom!
>
> It-tieni, Sur President, ma nafx eżatt x'qiegħda titlob l-Onor. Interpellant għaliex ma qajmitx każ ta' ksur ta' privileġġ."

Hawnhekk is-Sedja qalet:

> "**SPEAKER:** M'għandek għalfejn tgħid xejn. Issa nara jien. ..."

Is-Sedja bdiet billi rat dak li ġie rrapportat minn ONE News u li s-Sedja tifhem li kienet qiegħda tirreferi għalih l-Onor. Deguara fit-talba tagħha. Is-Sedja ħadet nota tal-estratt ta' dak kollu li ġie rrapportat kemm b'mod viżiv fuq l-istazzjon ONE kif ukoll ta' dak li deher fuq is-sit www.one.com.mt.

Is-Sedja rat li t-titolu tal-artklu li indikat l-Onor. Maria Deguara li jgħid hekk:

> "Maria Deguara tgħid li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli"

Fir-rapportaġġ li sar minn ONE News, kemm fuq it-televiżjoni kif ukoll fuq il-website ta' ONE, intqal illi:

> "Id-Deputat Nazzjonalista Maria Deguara qalet li ż-żgħażagħ Maltin qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli u nfexxet tattakkahom.
>
> Deguara qalet dan waqt is-seduta parlamentari tat-Tlieta filgħaxija hekk kif ħaditha qatta bla ħabel kontra ż-żgħażagħ.

Skontha ż-żgħażagħ mhumiex konxji ta' x'jista' jagħmel il-mard: "Li qed ngħidu huwa li ż-żgħażagħ huma żgħażagħ qatt ma jemmnu li l-mard jista' jattakkahom. Però mhux il-mard ma jattakkax lilhom irridu noqogħdu attenti li dak li jġibu huma ma jattakkax lil min hu iżjed vulnerabbli"."

Hawnhekk il-One jagħlaq il-kwotazzjoni u jkompli hekk:

"Deguara qalet dan b'rabta mal-attivitajiet tal-Karnival li s-soltu jsiru f'Għawdex u li minħabba l-pandemija din is-sena tħassru kollha.

Għal din id-dikjarazzjoni, wieġeb il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri hekk kif xejjen dan l-attakk lejn iż-żgħażagħ.

Il-Ministru Camilleri qal, "Jien ma naqbel xejn miegħek li ż-żgħażagħ jaħsbu li ma jistgħux jimirdu jew li ż-żgħażagħ ma jimpurtahomx mill-ġenituri tagħhom jew mill-anzjani tagħhom. Bħal donnok trid tgħid li ż-żgħażagħ qegħdin ixerrdu l-mard li ma naħsibx li huwa minnu jiġifieri hawnhekk ma naqbel assolutament xejn miegħek.""

Hawnhekk il-One jagħlaq il-kwotazzjoni ta' dak li qal il-Ministru Camilleri fil-Parlament u jkompli:

"Il-Ministru Camilleri sostna wkoll li għall-jiem tal-Karnival, f'Għawdex ser jibqgħu id-direttivi kollha li hemm imposti mill-awtoritajiet tas-saħħa u li ser jibqgħu jiġu nfurzati.

Il-Ministru Camilleri sostna: "L-argument ma jagħmilx sens. Li huwa importanti hu li hemm numru ta' direttivi mill-Awtoritajiet tas-Saħħa li wieħed irid isegwihom. Issa jrid jiġi minnu nnifsu l-persuna li ssegwi dawn l-istruzzjonijiet, il-Gvern iva jkun qed jagħmel ukoll parti tiegħu kif għamel tul din il-pandemija sħiħa ta."

Din mhux l-ewwel darba li Maria Deguara spiċċat fuq il-midja minħabba dikjarazzjonijiet barra minn posthom. Sa ftit tax-xhur ilu l-istess Deguara sostniet li l-vaċċin għall-Covid-19 mhuwiex is-soluzzjoni għat-trażżin tal-virus.

Deguara kienet qalet, "Il-vaċċin mhuwiex is-soluzzjoni."

Is-Sedja tirrileva wkoll li dakinhar stess li l-Onor. Deguara qajmet l-ilment, is-Sedja rċeviet *email* mingħand il-Kap tal-Aħbarijiet tal-ONE Productions, Edward Montebello, fejn dan qal, u nikkwota:

"Onor. Mr. Speaker Dr Anġlu Farrugia,

Hawnhekk qed niktiblek formalment dwar talba li saritlek b'mod pubbliku fil-Kamra tar-Rappreżentanti.

Kont qed insegwi s-seduta parlamentari tal-Erbgħa 20 ta' Jannar 2021, fejn id-deputat l-Onor. Maria Deguara talbitek tinvestiga servizz imxandar minn ONE News, fejn skont l-Onor. Deguara, ONE News xandar u ppubblika li Maria Deguara qalet li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard tal-Covid.

Fl-iscript tas-servizz imxandar u li qed nehmiżlek kopja tiegħu m'hemm miktub xejn dak li qalet Maria Deguara meta talbitek tinvestiga.

ONE News ma qalx li l-Onor. Maria Deguara qalet li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard tal-Covid iżda rrapporta fedelment dak li qalet l-Onor. Deguara.

Fis-seduta parlamentari tat-Tlieta filgħaxija, li ONE News irrapporta dwarha, l-Onor. Maria Deguara qalet propju dan il-kliem li inti tista' tivverifika u tikkonferma; "Li qed ngħidu huwa li ż-żgħażagħ huma żgħażagħ qatt ma jemmnu li l-mard jista' jattakkahom. Però mhux il-mard ma jattakkax lilhom, irridu noqogħdu attenti li dak li jġibu huma ma jattakkax lil min hu iżjed vulnerabbli."

Huwa propju fuq dan il-kliem li ONE News xandar servizz bit-titlu 'MARIA DEGUARA TGĦID LI Ż-ŻGĦAŻAGĦ QED IĠIBU L-MARD LILL-VULNERABBLI'.

Propju l-Onor. Deguara qalet u nikkwota, "dak li jġibu huma ma jattakkax lil min hu iżjed vulnerabbli". Referenza ċara li l-Onor. Deguara qalet u mplikat li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli.

Apparti minn hekk nirreferik għal dak li qal eżatt wara l-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, li ONE News ukoll irrapporta fedelment.

ONE News jirrapporta fedelment lejn dak li jgħidu n-nies iżda jinnota wkoll li l-Onor. Maria Deguara, li talbitek tinvestiga, skont hi, rapport mhux fattwalment korrett, kienet fattwalment skorretta fl-isem tal-istazzjon meta qalet Super ONE, isem li ilu mibdul 15-il sena.

Dwar dan ġibdilha l-attenzjoni wkoll il-Whip tal-Gvern, l-Onor Glenn Bedingfield.

Filwaqt li nirringrazzjak, inselli għalik.

Dejjem tiegħek;

Edward Montebello
Head of News".

Is-Sedja rat ukoll it-traskrizzjoni tas-seduta 417 tad-19 ta' Jannar 2021, fejn waqt il-ħin tal-Mistoqsijiet Parlamentari, l-Onor. Maria Deguara kienet qiegħda tagħmel mistoqsija supplimentari lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, fejn din testwalment qalet:

"**ONOR . MARIA DEGUARA:** Sur President, għandi mistoqsija li tkompli mal-mistoqsija supplimentari li għamel l-Onor. Kevin Cutajar. Nixtieq li l-Ministru jkun iktar speċifiku għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, nafu li l-persentaġġ tal-COVID-19 *positive* fiż-żgħażagħ qed jitla' sewwa u huma l-iżjed li jkunu *positive.* Nafu li żdiedu ħafna wara l-attivitajiet li saru fil-Milied u fl-Ewwel tas-Sena. Naf li l-festi uffiċjali tal-Karnival kollha ġew kanċellati, però ż-żgħażagħ xorta se jitilgħu Għawdex probabbilment biex jgħaddu dawk it-tlett ijiem jew erbgħa bħala vaganza. Li jitilgħu l-familji mhijiex problema għax normalment il-familja żżomm kollha f'daqqa, però ż-żgħażagħ, meta jitilgħu, naħseb li jekk irridu nikkontrollaw x'inhuwa jiġri, huma u

telgħin il-vapuri ta' Għawdex għandhom jagħtu l-indirizz fejn sejrin joqogħdu, speċjalment jekk huma Maltin. Il-Ministru stess qal li bil-liġi ħafna mill-appartamenti jew mill-*farmhouses* ikollhom l-ammont kemm suppost jakkomodaw nies. Mela jekk jien insib li f'post li huwa bl-istess indirizz fejn suppost joqogħdu sitta, però nsib li hemm 12 deħlin fih, mela jien awtomatikament nista' ninforza l-liġi, immur fuq dak il-post u nikkontrollahom. Qed ngħid li ż-żgħażagħ huma żgħażagħ, qatt ma jemmnu li l-mard jista' jattakkahom. Però rridu noqogħdu attenti li mhux ma jattakkax lilhom, imma li dak li jġibu huma ma jattakkax lil min huwa iżjed vulnerabbli. Qed nipprova ngħid li għandna nkunu iżjed speċifiċi, għaliex kif qalilna anke l-Ministru, mas-saħħa ma tistax tidħol mill-bieb 'il ġewwa ta' ħaddieħor, però jekk jien għandi l-indirizzi uffiċjali li hemm ħafna iżjed milli suppost jidħlu, naħseb li bħala liġi tista' tinforzaha li dawn qed jiksru l-liġi awtomatikament."

Għal din il-mistoqsija, il-Ministru Clint Camilleri wieġeb:

> "**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Sur President, jien ma naqbel xejn magħha li ż-żgħażagħ jaħsbu li ma jistgħux jimirdu jew li ż-żgħażagħ ma jimpurtahomx mill-ġenituri tagħhom jew mill-anzjani tagħhom. Din donnha riedet tgħid li ż-żgħażagħ qegħdin ixerrdu l-mard. Ma naħsibx li huwa minnu. Hawnhekk ma naqbel assolutament xejn mal-Onor. Interpellant.".

Il-Ministru Camilleri kompla jispjega dwar kif ser isir l-infurzar tar-regoli intiżi li jwaqqfu t-tixrid tal-pademija maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Is-Sedja kellha diversi okkażjonijiet fejn kellha tagħti r*ulings* dwar rappurtaġġ ta' diskorsi fil-Parlament fil-media, fosthom dawk mogħtija fis-Seduta 111 tal-14 ta' Mejju 2018, fis-Seduta 57 tas-27 ta' Novembru 2017, u fis-Seduta 170 tal-20 ta' Novembru 2018,

Kif joħroġ anke minn dawn ir-*rulings* ċitati, f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn l-Ordnijiet Permanenti tagħna huma siekta - u r-rappurtaġġ mill-*media* ta' dak li ntqal fil-Parlament huwa wieħed minnhom - is-Sedja dejjem rat illi d-direzzjoni li għandha timxi magħha hija dik li toħroġ mill-House of Commons tar-Renju Unit, u dan skont Ordni Permanenti 197 tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra li jgħid hekk:

> "**197.** Fil-każijiet kollha li mhumiex regolati b'dawn l-Ordnijiet Permanenti, wieħed għandu jirrikorri għar-regoli, modi, użanzi u drawwiet tal-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit …".

Għalhekk, is-Sedja se tirreferi mill-ewwel għar-*ruling* li tat fis-Seduta 326 tal-5 ta' Mejju 2020 fejn is-Sedja għamlet referenza għal paġna 226 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice* (*24 Edition*), fejn fil-kawża Cook v Alexander tal-1973:

> "*Lord Denning MR observed that 'fairness in this regard means a fair presentation of what took place as it impressed the hearers. It does not mean fairness in the abstract between [the plaintiff] and those who were attacking him.*"

Min-naħa l-oħra, f'paġna 259 tal-istess edizzjoni tal-*Erskine May* jingħad illi:

> "*... the Speaker has ruled that deliberate or reckless misrepresentation of the House's proceedings remains a contempt and is unlikely to attract qualified privilege in the courts.*"

Hawnhekk is-Sedja kellha tara wkoll liema test għandha timxi miegħu f'dak li ġie rrapportat fil-media – f'dan il-każ minn ONE News – u tara jekk dan jammontax għal rapport falz jew mgħawweġ ta' dak li jkun intqal fil-Kamra tad-Deputati.

Dan qed jingħad peress li s-Sedja, f'diversi *rulings* li tat u ċitati aktar kmieni, qalet illi peress illi l-Ordnijiet Permanenti tal-Parlament Malti huma siekta fuq din il-materja, is-Sedja dejjem issegwi dak li jiġri fil-House of Commons, u allura joħroġ l-obbligu li dak li jiġi rrapportat minn kull gazzetta, radju, televiżjoni u kull mezz tal-media, inkluż il-media soċjali, ikun rapport fidili u korrett ta' dak li jingħad fil-Parlament, u li rapportaġġ skorrett jista' jikkostitwixxi disprezz tal-Parlament.

Irid jingħad li fil-każ li qed jiġi trattat illum, l-Onor. Maria Deguara ma invokatx *prima facie* ksur ta' privileġġ u għalhekk is-Sedja mhijiex se tidħol f'dak li tgħid l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati (Kap. 113). Għaldaqstant is-Sejda trid tara biss jekk dak li ġie rrapportat minn ONE News huwiex korrett jew kienx jammonta għal rappurtaġġ li seta' jkun qarrieqi, falz, jew b'xi mod mgħawweġ. Wara li rat bir-reqqa dak li qalet l-Onor. Deguara fil-Kamra, rat illi fl-ebda mument m'għamlet *statement* kategoriku li' ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli'. L-enfasi tal-Onor. Maria Deguara fid-domanda supplimentari kien l-appell għal aktar infurzar min-naħa tal-awtoritajiet biex jiġi kkontrollat it-tixtrid tal-COVID-19. Ma kien hemm l-ebda mument fejn hija qalet illi ż-żgħażagħ qed ixerrdu l-mard lill-vulnerabbli. Għalhekk, dak li ġie rrapportat minn ONE News kienet interpretazzjoni ta' dak li ntqal mill-Onor. Maria Deguara bħala li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli, meta effettivament dan ma ntqal fl-ebda mument mill-Onor. Deguara.

Infatti s-Sedja tirrileva illi li bir-risposta għall-mistoqsija supplimentari tal-Onor. Maria Deguara, kien il-Ministru Clint Camilleri li tefa' d-dubju u nikkwota:

> "Din donnha riedet tgħid li ż-żgħażagħ qegħdin ixerrdu l-mard."

li jidher li kien dak li instiga lil ONE News li jagħti dak it-titolu lir-rappurtaġġ.

Is-Sedja tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-każ inkwistjoni ma jammontax għal rapport falz; definittivament, però, għandna rapport li huwa mgħawweġ, u għalhekk is-Sedja tagħti direzzjoni lill-Iskrivan tal-Kamra biex jitlob lil ONE News biex jagħmel kjarifika dwar dak li qiegħed jiġi indikat f'dan ir-*ruling*, jiġifieri li fl-ebda mument l-Onor. Maria Deguara ma qalet li ż-żgħażagħ qed iġibu l-mard lill-vulnerabbli.

Is-Seda tikkonkludi billi tappella – kif dejjem għamlet – sabiex meta l-media tirrapporta dak li jsir fil-Parlament, tkun dejjem korretta sabiex filwaqt li jiġi rispettat id-dritt tal-libertá tal-espressjoni tal-Istampa, ma tingħatax verżjoni jew interpretazzjoni li ma tkunx tirrifletti dak li fil-fatt ikun intqal fil-Kamra.

Ir-*ruling* huwa deċiż.